

Il-Kamp ta' Applikazzjoni tal-Linji Gwida

Dwar il-kalkolu tal-pożizzjoni skont l-EMIR Refit

1 Min?

1. Il-Linji Gwida se japplikaw għat-TRs li huma rreġistrati jew rikonoxxuti mill-ESMA f'konformità mal-Artikoli 55 u 77 tal-EMIR rispettivament.

2 Xiex?

2. Il-linji Gwida jipprovdu informazzjoni biex jiġu żgurati l-armonizzazzjoni u l-konsistenza fir-rigward ta':
 - a. il-kalkoli mwettqa minn TRs skont l-Artikolu 80(4) tar-Regolament (UE) Nru 648/2012(EMIR);
 - b. il-livell ta' aċċess għal pożizzjonijiet ipprovdut minn TRs lill-entitajiet inklużi fl-Artikolu 81(3) tal-EMIR b'aċċess għal pożizzjonijiet f'konformità mal-Artikolu 2 tar-Regolament (UE) Nru 151/2013¹;
 - c. l-aspetti operazzjonali għall-aċċess għad-*data* tal-pożizzjoni mill-entitajiet inklużi fl-Artikolu 81(3) tal-EMIR, u
 - d. bidliet introdotti mill-istandards tekniċi ta' EMIR Refit, b'mod partikolari r-Regolament ta' Delega tal-Kummissjoni (UE) Nru 2022/1855 (RTS dwar ir-rapportar), ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 2022/1860 (ITS dwar ir-rapportar) u l-Linji Gwida² għar-rapportar skont l-EMIR ippubblikat mill-ESMA fl-14 ta' Diċembru 2022.

3 Meta?

3. Il-linji Gwida eżistenti li kienu applikabbli mit-3 ta' Diċembru 2018 se jiġihassru fid-29 ta' April 2024 u jiġu sostitwiti bil-Linji Gwida l-ġodda li se japplikaw mit-28 ta' Ottubru 2024, li jipprevedu perjodu tranżitorju ta' 6 xhur.

¹Regolament ta' Delega tal-Kummissjoni (UE) Nru 151/2013 tad-19 ta' Diċembru 2012 li jissupplimenta r-Regolament (UE) Nru 648/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar derivati OTC, kontropartijiet ċentrali u repożitorji tad-*data* dwar it-tranżazzjonijiet fir-rigward ta' standards tekniċi regolatorji dwar id-dettalji minimi tad-*data* li għandha tiġi rrapportata lir-repożitorji tad-*data* dwar it-tranżazzjonijiet u standards operattivi biex tiġi aggregata, imqabbla u aċċessata d-*data*, ĠU L52, 23.2.2013, p.33-36

² https://www.esma.europa.eu/sites/default/files/library/esma74-362-2281_final_report_guidelines_emir_refit.pdf